MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 745/2012

**Luke Attard**

**Vs**

**VG Tiles Co Limited ( C-6957)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur datat 31 t'Ottubru, 2012 fejn eccepixxa illi:

Ir-rikorrent qed jitlob li l-kumpanija 'ntimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf sitt mija u erbghin Ewro (€1,640) rapprezentanti ammont dovut mill-kumpanija 'ntimata bhala rifuzjoni tal-prezz imhallas ghal '*Quartz Glacier Kitchen Top And Wall*" supplit mill-kumpanija 'ntimata u liema materjal hekk konsenjat huwa difettuz jew mhux skont il-kwalita` pattwita u dana kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 834/12 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, kontra l-kumpanija 'ntimata li hija minn issa ngunta 'n subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta' rikorrenti datata 14 ta' Jananr, 2013 fejn eccepixxew illi:

It-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra l-avviz.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta.

Ra x-xhieda u l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tad-19 ta' Mejju, 2015 li bih thalliet illum ghas-Sentenza.

**Ikkunsidra:**

Din it-talba hija ghall-rifuzjoni ta' prezz imhallas ta' materjal supplit li huwa *Quartz Glacier Kitchen Top u Splash Back* ghall-hajt mhallsin lis-Socjeta' konvenuta u dan ghaliex ma kienx ta' kwalita` patwita u jew kien diffettuz.

Mill-provi jirrizulta illi:

L-attur kien ordna '*Counter Top u Splash Back*' minghand is-Socjeta` konvenuta, l-prezz thallas u ma hemmx kontestazzjoni dwar dan.

Xehed Victor Galea [1]li kkonferma li l-ammont thallas u li kien ftiehem mal-attur li kienu ser jipprovdu '*Quartz Glacier Counter Top'* u se jaqtghu wicc il-*kitchen top* u hajt ukoll. Inkluz ma' dan kellhom iqattghu toqob ghas-sink u ghall-*hob*. Ma kienux se jwahhluha huma pero' kkonferma illi fir-rigward tas-sink l-attur kien hadlu s-*sink*. Qabel illi meta gew biex iwahhlu *s-sink* dan ma twahhlux ghaliex mal-qisien ma kienux jaqblu. Fir-rigward tal-*hob* il-bicca ta' madwar il-*hob* saret f'erba` bicciet. Minflok ma saret toqba ghamlu erba` bicciet.

Luke Attard fl-affidavit tieghu kkonferma li kien ordna minghand is-Socjeta' konvenuta '*Quartz Glacier Kitchen Top and Wall'* u dan ghall-prezz ta' elf u sitt mija u tletin Ewro (€1630) li thallas.[2] Is-Socjeta' konvenuta kienet tghatu numri ta' diversi installaturi u wara diversi tentativi kien qabbad il-wiehed Charles Bowd li kien infurmah li kellu jipprovdilu *s-sinks* sabiex jkejjel kollox *on site*. Illi hekk gara hadu l-kejl. Dak inhar tal-konsenja s-Socjeta` attrici kienet insistiet illi jithallas il-bilanc. Depozitu ta' tmien mija u hmistax-il Ewro (€815) kien thallas qabel.[3] L-ghada tal-konsenja l-hlas sar.[4] L-installazzjoni sar dak inhar waqt li kien qieghed ix-xoghol cemplulu minghand l-installatur li l-prodott kien diffettuz. Waqqaf ix-xoghol. Id-diffetti riskontrati huma dawk indikati f'dokument 'LA4' rapport ta' Louis Borg.

Louis Borg fir-rapport iddikjara illi:

*"Regarding workmanship, in my opinion it is very poor, and definitely not acceptable.*

*1. The cuts outs for the sink bowls are not centred on the underlying cupboard, the quarter circle corners are deformed circles, all different in both size and shape, and the sides are not straight and parallel.*

*2. The cut out for the hob is actually not a cut out, but four pieces of stone joined together to form a space for the hob.*

---

[1] A fol 12
[2] Ara dok LA1
[3] Arad ok LA2
[4] Ara dok LA 3

*3. The edge chamfer is not always even, varying in size and angle especially at corners.*

*4. Corners in the hob section have been very poorly executed.*

*5. The vertical section is polished on one side only with a 25mm wide unpolished strip showing.*

Chris Bowd il-*layer* xehed illi llum ilu jahdem f'dan ix-xoghol ghall-sitta u ghoxrin (26) sena. Xehed b'mod dettaljat dwar l-inkarigu tal-kawza. Ikkkonferma illi l-*counter top* kellu jkun bicca wahda. *All measurements ... were taken by me.* Ikkonferma illi Attard kien tah is-*sinks* u li gew provduti lis-Socjeta` konvenuta ukoll bhala *template* biex jahdmu fuqhom. *"In this case I would take the basin and place it on the counter top on the place where the counter top should be marked .... to make sure there are no mistakes, but then I would also give it to VG tiles so that they would have the template from which to work from when they are cutting out the granite".*

Induna illi kien hemm zbalji fl-ispazju bejn is-sinks. Kollox kien mressaq ghax-xellug, ghalhekk meta tigi biex twahhal ma tistax. Ma setghax iwahhalhom ghaliex biex iwahhalhom kellu bilfors jqatta' l-kcina. Meta gie ghall-*hob* hawnhekk ukoll kien hemm problema, madwar il-*hob* kellu jkun bicca shiha pero` dan kien f'erba' bicciet. Iddikjara illi anke fil-kantuniera x-xoghol ma kienx tajjeb. "*If you look at the countertop it is all uneven it is mismatched*'. In kontro ezami qal li kienu kkuntatjawh VG Tiles biex imur jiehu l-kejl u s-soltu imur wahdu. Il-kcina kienet hemm minghajrha ma jistax jiehu l-kejl. Ha s-*sink* biex tal-fabbrika jkunu jafu l-forma taghha. Huma bidlu l-kejl u jekk hassew li il-materjal kien se jkun dghajjef kellhom jinfurmaw lill-attur. Is-*sinks* kellhom jigu nstallati minn taht u ghalhekk il-kejl kien importanti hafna. Kien tkellem ma' VG Tiles u qalilhom li dawn ma kienux skont il-kelj u kienu qalulu li ghaliex kien jinkiser il-*granite*. Illi dan kien l-istess argument ghaliex ghamlu frame u mhux wahda shiha.

Fix-xhieda tieghu Victor Galea kkonferma li kellu s-sinks u kkonferma illi l-istess dokument ta' qisien li kien ghamel Bowd kien dak li uzaw huma. Fir-rigward ta' *sinks* hu stqarr li ma kienx kif qatghu l-*granite* imma kif kienu l-*cupboards* tal-kcina ghaliex kienu qeghdin jhabbtu mal-bank tal-kcina u ma kellux mezz li jkun jaf. Is-*sinks* dahlu fit-toqob.

It-Tribunal jikkonsidra illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-konsenja tal-*quartz granite* sar u l-hlas sar qabel ma gie nstallat ix-xoghol. Illi l-kontestazzjoni kien li x-xoghol sar skont is-sengha u l-arti u ma kienx diffettuz. Skont id-difiza huwa dejjem il-kaz li f'dan ix-xoghol issir *snag list* u dawn kienu kollha affarijiet li setghu jigu korreguti almenu fil-kaz ta' canfrin u affarijiet ohra. Pero` ghaz-zewg problemi l-kbar *ossia* r-raguni ghal din it-tilwima kienu: 1) il-hob u 2) is-sinks u skont id-difiza dawn zgur ma kienux tort tas-Socjeta' konvenuta. Fil-kaz ta' *sinks*: il-*layer* kien bniedem indipendenti, ma kienx impjegat ta' VG Tiles u meta ha l-qisien tas-*sinks* dawn kienu *oversized* u kien infatti tort tieghu li ma setghux jitwahhlu ghaliex il-mod kif kienu l-*cupboards* ma setghux jitwahhlu minghajr ma jitkissru l-*cupboards*. Intqal ukoll li huma ma gewx provduti s-*sinks*. Fir-rigward tal-*hob* kien jaghmel sens li jipprovdu l-*granite* f'erba' bicciet ghaliex bicca wahda ma kinitx tkun b'sahhitha bizzejjed ghall-*hob*.

Illi infatti dawn kienu z-zewg problemi l-kbar. Hareg car mill-evidenza illi s-Socjeta' konvenuta kellha kejl tal-kcina minn bniedem li ghalkemm indipendenti kien gie rakkomandat minnha u kien ha l-kejl sew. Il-kejl sar b'mod dettaljat hafna u l-kejl gie kkonfermat minn Victor Galea u anke Clifton Galea.[5] Bowd stess qal li fil-kaz tas-*sinks* meta wasal il-*granite* ma kienx jaqbel ma kejl li ghamel hu u li dan kien hazin. Bowd qal li kien importanti li l-fabbrika jkollha s-*sinks*. Kemm l-attur, Bowd kif ukoll Vincent Galea ikkonfermaw fix-xhieda taghhom illi s-*sinks* gew provduti bhala *templates* u kienu fil-pussess tat-tnejn. Fir-rigwrad tal-*hob* minflok bicca wahda shiha kif kien ordnat u johrog mid-dokument tal-kejl provdew erba` bicciet. L-inkarigu kien car u cioe` illi kellhom jkunu bicca wahda. Skont huma dan kien ghaliex ma kienx jiflah ghall-piz tal-*hob* kieku kien bicca wahda. Pero` jidher illi meta hadu din id-decizjoni ma hassewx il-htiega jinfurmaw lill-klijent li kien ser iqatta' l-'*Quartz Granite'* f' erba` bicciet.

Illi t-Tribunal ma jarax illi Bowd kien b'xi mod responsabbli ta' negligenza u jew nuqqas fix-xoghol tieghu. Illi kemm il-*layer* Bowd (bniedem ta' sitta u ghoxrin (26) sena esperjenza) u Louis Borg iddikjaraw illi x-xoghol ma kienx tajjeb. Galea skont l-attur inghata l-opportunita` li jaghmel tajjeb ghad-difetti pero` dan ma accettax u ghalhekk l-attur kellu imur x'imkien iehor u jordna xoghol minghand terzi.

[5] Ara fol 59

Illi in vista tas-suespost it-Tribunal ihoss illi t-talba giet sufficjentement ippruvata.

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal- attur u dan bl-ispejjez kollha hekk kif indikati fl-avviz u bl-imghaxijiet mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------